MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1084/2003

**Carabott Anna**

**Vs**

**Vella Josef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Mejju 2003 fejn l-attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,400 (elf u erba` mitt Lira Maltin) dovuti ghal diversi oggetti mobbli.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

1. sabiex tikkonsenja lill-attrici f'terminu qasir u perentorju li jigi lilek prefiss l-oggetti mobbli kollha elenkati fl-anness prospett "Dok AC" appartenenti lill-istess attrici kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni u fin-nuqqas thallasha s-somma ta' elf u erba` mitt lira Maltija (Lm1400) jew somma ohra verjuri, valur tal-imsemmija oggetti.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut ingunt minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi l-attrici qed taghmel sforz biex tizvija lil dan l-Onorabbli Tribunal peress illi m'hiex tindika li l-attrici hija effettivament mart il-konvenut minnu legalment mifruda permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni Bonarja in Att tan-Nutar Dr Rueben Casingena nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena 2003, u kif sanat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili ppreseduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace considerando li pendenti kien hemm kawza ta' firda legali quddiem l-istess Onorabbli Qorti (Qorti tal-Familja) kif ippreseduta, u cioe` citazzjoni numru 899/02 – RCP (FC) fl-ismijiet: "Vella Anna f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri Daryl Vella – versus - Vella Josef", li fid-dawl tal-kuntratt ta' Separazzjoni Bonarja giet ceduta.

2. Illi din il-kawza saret fi spirtu negattiv ta' pika kontra l-konvenut Josef Vella u c-cirkostanzi li segwew kienu ta' qsim il-qalb billi nhar l-Erbgha, sittax (16) ta' Lulju tas-sena kurrenti l-attrici flimkien ma binha minuri ta' hames (5) snin Daryl Vella kwazi tilfet hajjitha fid-dawl ta' incident awtomobilistiku gravissimu li mad-daqqa t'ghajn jidher li hija stess kienet it-tort unikament tieghu, u dana waqt li hija kienet fi triqtha b'velocita qawwija lejn habibtha certu Mario Caruana possibilment Mario Camilleri, fl-appartmanet li kienu qed jghixu fih gewwa Bugibba: *la forza del destino.*

3. Li fid-dawl tal-inkwadratura ta' dawn l-atti drammatici kif qeghdin jigu mfissra lil dan it-Tribunal, meta l-konvenut gie effettivament notifikat bl-avviz odjern, l-imsemmija attrici kienet ghadha f'coma fl-ITU fl-Isptar San Luqa, billi anke kif qed jintwera lil dan it-Tribunal permezz ta' rapporti fil-gurnal "The Times", "The Malta Independent", "l-Orrizzont" u "in-Nazzjon", l-attrici kienet fil-perikolu li titlef hajjitha f'dan l-incident serjissimu awtomobilistiku fil-

Coast Road Tas-Salina, waqghet f'coma u baqghet f'coma u fil-mument li qed tigi pprezentata din ir-risposta ghadha f'certu perikolu serju illi l-affarijiet jistghu jmorru ghal ghar. Kopja ta' dawn ir-rapporti qeghdin jigu hawn mehmuza u ndikati bhala Dokument DV1, DV2, DV3 u DV 4.

4. Illi fil-mertu ma huwa minnu xejn li l-pretenzzjonijiet tal-attrici, jekk il-Mulej joghgbu jerga jsedqilha is-sensi taghha u sahhitha, li dawn il-pretenzzjonijiet ghandhom bazi f'Hal Ghaxaq, jew li hemm xi ammont dovut kif allegat mill-istess attrici, ammontanti ghal elf u erba` mitt lira maltija (Lm1400) jew ghal elf u hames mitt lira maltija (Lm1500) billi lanqas fuq ic-cifri ma jidher li l-istess attrici ghandha xi qbil.

5. Illi dan l-Onorabbli Tribunal qed jigi mehmuz lilu kopja fotostatika tal-kuntratt tal-firda legali approvat mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili in atti Nutar Dr Rueben Casingena, mill-liema kuntratt ma jirrizulta minn imkien li l-prospett jew lista dokument AC li ezebit Anna Carabott jirrizultaw mill-kontenut tal-kuntratt ta' Separazzjoni Bonarja ezebit, u kwindi taht l-ebda cirkostanzi l-attur ma qieghed jaccetta li huwa ghandu b'xi mod iforni, jivversa jew jaghti l-oggetti elenkati fid-dokument AC lill-attrici Anna Carabott.

6. Illi del resto u fic-cirkostanzi din l-eccezzjoni in linea preliminari kellha tigi sollevata f'dan l-istadju, l-avviz huwa null, irritu, frivolu, vessatorju, invalidu, inefettiv u mhux enforzabbli skond il-ligi billi l-istess ligi tesigi li l-ammont likwidat ghandu jkun preciz u veru u mhux tigi ndikata somma li 'ex admissis' l-istess attrici mbaghad tiddikjara li din is-somma tista` ma tkunx is-somma li hija allegatament qed tippretendi.

7. Illi fic-cirkostanzi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi respinta u michuda bl-ispejjez kollha kontra taghha billi l-pretenzzjonijiet tal-istess attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, apparti mill-fatt tan-nullita` tat-talba fejn tirrigwarda l-pretenzzjoni ghas-somma allegatament dovuta u dana minhabba l-imprecizzjoni tal-likwidita` tal-istess somma li

mhux permess mill-ligi li tirregola talbiet bhal dawn quddiem it-Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar.

8. Illi fic-cirkostanzi ghaldaqstant l-eccezzjoni in linea preliminari wkoll tal-inkopetenza ta' dan it-Tribunal 'ratione lege' u 'ratione materie'.

9. Illi ghaldaqstant il-konvenut m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez li ghandhom jigu kollha issapportati mill-istess attrici u minn fejn ghandu jirrizulta car li l-uniku mottiv wara dan l-avviz kien biss wiehed ta' pika fir-rigward tal-kovenut li propju ftit tal-gimghat qabel kien gie mifrud legalment minn martu permezz tal-kuntratt li qed jigi hawn ezebit ma l-atti ta' din ir-risposta odjern.

10. Salvi eccezzjonjiet ohra ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawza odjerna tikkoncerna talba ghal konsenja ta' oggetti sussegwentement jew anzi, qabel ma gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet, liema obbligazzjoni ta' l-istess konvenut ma gietx inkluza f'dan l-istess kuntratt. Alternattivament l-attrici qed titlob il-pagament ghas-somma ta' elf u erba` mitt Lira Maltin (Lm1,400) fin-nuqqas tal-provi ta' l-istess konvenut.

Jigi rilevat ab initio, illi l-konvenut naqas li jipprovdi x-xhieda tieghu, la dawk orali u lanqas dawk dokumentarji. Pero' t-Tribunal jaghmel referenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-istess konvenut fis-sens illi dan it-Tribunal mhux kompetenti rationae materiae u jordna l-kundanna tal-konsenja tal-oggetti. Skond l-Att numru 5 ta' 1995 li bieh gie stabbilit dan it-Tribunal kif gia kellhu okkazzjoni anka kif prezentament presedut, dan it-Tribunal ghandu kompetenza li jiehu kull decizjoni rigward il-pagament tal-flus li matul iz-zmien l-ammont telgha ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). Allura li l-ewwel oggezzjoni tal-konvenut hija gustifikata fis-sens li mhux kompetenti biex

jordna l-konsenja ta’ oggetti. Pero` alternattivament hija titlob it-talba ta’ hlas ta’ elf u erba` mitt Lira Maltin (Lm1,400). Gie esebit mill-istess attrici nota bl-oggetti u bil-valur. Jekk wiehed jodd l-istess valur dana jeccedi l-valur mitlub ta’ elf u erba` mitt Lira Maltin (Lm1,400).

It-Tribunal ma jistax kif gie rilevat f’ diversi sentenzi tieghu, jaghti somma aktar minn dak originarjament mitluba billi l-ammont indikat jeccedi mhux l-erba` mitt lira (Lm400) biss, imma l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500). It-Tribunal jhoss li jkun gust u ekwu illi l-konvenut jigi kkundannat ghal dan l-ammont.

Jiddeciedi ghalhekk illi filwaqt li jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jichad il-kumplament, jichad l-ewwel talba attrici u jilqa’ t-tieni talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta’ elf u erba` mitt Lira Maltin

(Lm1,400), bl-ispejjes u bl-interessi mid-data ta’ l-avviz u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------